# Il-Beatu Ġorġ Preca l-Fundatur tas-Soċjetà M.U.S.E.U.M

**tagħrif miġbur minn Philip Abela**

Fit-3 ta' Ġunju 2007 il-Beatu Ġorġ Preca ser isir qaddis, eżatt fil-ġurnata tal-festa ta' San Ġużepp ġewwa Ħal Għaxaq u għalhekk aħna l-Ġużeppini Għaxqin dan il-jum huwa ta' ferħ doppju, u huwa bix-xieraq li ngħidu xi ħaġa dwar il-ħajja ta' dan il-beatu Dun Ġorġ, li bħal ma qed ngħid ser isir qaddis. Ta' min jgħid li Dun Ġorġ kien il-fundatur tas-soċjetà M.U.S.E.U.M. Fl-1880 il-koppja tas-sur Vinċenz Preca u s-sinjura Natalina Cervolo kellhom disat' it-tfal, fosthom kellhom lil Dun Ġorġ, li kien jaħbat is-seba' wieħed. Dun Ġorġ kien twieled fil-Belt Valletta f' Nru. 53, Strada Ponente fit-12 ta' Frar 1880. Dun Ġorġ kien għammdu Patri Vinċenz Cousin O.P fil-Knisja tad-Dumnikani tal-Portu Salvu, fis-17 ta' Frar u kien ingħata l-ismijiet ta' Ġorġ, Pawlu, Piju, Ġanni u Manwel. Il-Parrini kienu s-Sur Ġann Coppini u l-Mara tiegħu s-Sinjura Maria Anna nee Preca oħt missier Dun Ġorġ Preca, u għalhekk kienet tiġi zitu. Issa ser ngħid fil-qasir kemm jista' jkun ħalli ma niħux ħafna spazju. Meta kien tifel żgħir kien imur passiġġata mas-seftura Filomena, u darba minnhom waqt li kien qrib il-baħar, waqa' u ġie wiċċu 'l fuq. Is-seftura ma ndunatx fil-pront, u wara għajtiet għall-ajjut, inzerta għaddej barklor u resaq malajr, refa' t-tfajjel fid-dgħajsa u mar fejn is-seftura. Xi soċi mhux darba jew tnejn kienu jfakkruh fiha din il-ġrajja u kienu jgħidulu "Int bħal Mosè meħlus mill-għarqa". Meta kien għadu żgħir, mar joqgħod mal-familja f'Birkirkara u xi snin wara marru l-Ħamrun. Fit-2 ta' Awissu ta' l-1888, irċieva l-Griżma ta' l-Isqof, mill-isqof Buhagiar O.M.C ġewwa l-knisja ta' San Gejtanu fil-Ħamrun. Dun Ġorġ kellu bħala parrinu lil Dun Karm Gatt D.D. Hu kien imur l-iskola tal-gvern u tant kien intelliġenti, li lil missieru qalulu biex iġegħlu jagħmel l-eżami tal-liċeo. Dun Ġorġ kien ikanta fil-kor tal-knisja, u b'hekk baqa' fil-knisja bħala abbati, u mbagħad sar kjeriku u wara sar qassis. Darba kien fis-sagristija u ra gandlier maħmuġ, huwa qabdu u ħadu lejn id-dar, u naddfu sakemm gie jleqq. Dun Ġorġ ħa grazzja miegħu u żammu d-dar, iżda darba mar iqerr u qallu lill-konfessur dwar il-gandlier u l-konfessur qallu biex imur jieħdu lura fejn kien, u ta' tifel li kien Dun Ġorġ għamel hekk. Wara dejjem qal li dak il-gandlier sabiħ qatt ma raħ iżjed. Darba oħra ġietu x-xewqa li jitla' fuq iċ-ċinta tal-knisja, tela', però kien hemm li ltaqa' ma' wieħed jismu Wistin Pisani, żgħażugħ b'saħħtu, u dan biex jagħmilha ta' b'saħħtu dendel lil Dun Ġorġ 'il barra miċ-ċinta. Dan twerwer u qatt ma tela' darb'oħra. Ta' min jgħid li Dun Ġorġ minn ċkunitu kien ta' għalih waħdu, hu stess kien jammetti li kien qisu tiġieġa mgħaxxa u b'hekk it-tfal kienu jsawtuh fuq daru, anke meta kienu jkunu ser jilgħabu, fit-tokk kienu jħalluh għall-aħħar, u fl-aħħar kienu jgħidu "Lil Ġorġ ħuduh intom b'xejn". Minn ċkunitu kien imur jgħallem id-dutrina fil-knisja u kien imur jgħin fil-quddiesa lill-kappillan ta' Fra Diegu. Niftakar ukoll li mil-liċeo, mar is-seminarju. Huwa kien bravu ħafna, speċjalment fil-latin. Dun Ġorġ kellu l-konfessur tiegħu, li kien Dun Alwiġ Galea. Darba, meta ġie ordnat Suddjaknu, u kien ġej fil-karozzin, hekk kif waslu l-Furjana instema' leħen li qal "Illum jiena għarrastek mal-knisja tiegħi". Dun Ġorġ meta kien ser jieħu l-quddiesa, waqa' ma jiflaħx bla saħħa ġo sodda. Missieru nkwieta ħafna u ġablu l-aqwa tabib ta' dak iż-żmien, il-Professur Meli, li wara li nvista lil Dun Ġorġ, dar fuq missieru u qallu:



"Dan imutlek żgur Ċens, għax ġa għandu pulmun wieħed niexef, tixtrilux la pjaneta u lanqas missal." Dun Ġorġ stess stqarr li minn mument għall-ieħor kien qed jistenna l-mewt u ma setax jorbot qalbu mad-dinja. Iżda b'miraklu, għax lanqas hu stess ma jaf kif, ftit qabel l-ordinazzjoni, qam u mar jordna saċerdot għal dejjem. Hu dejjem qal li dan il-fejqan jafu lil San Ġużepp.



Fit-22 ta' Diċembru 1906 ħa l-quddiesa. Meta beda bis-soċjetà tal-M.U.S.E.U.M kien hemm min ħadha kontrih. Meta Dun Ġorġ beda bis-soċjetà beda jlaqqa' ż-żgħażagħ tiegħu fil-knisja ta' Nuzzu u jgħallmu fil-parroċċa, iżda hekk ma tantx setgħu jkomplu. Dun Ġorġ ġietu l-idea li jikru post, iż-żgħażagħ ħatfuh fil-kelma u hekk għamlu. Krew dar fi Triq Fra Diegu Nru. 6. Il-Kappillan Dun Ġużepp taħ il-barka tiegħu u qallu biex jagħmel il-kuraġġ u bagħtu. Dun Ġorġ għamel l-ewwel laqgħa f'din id-dar nhar il-ħamis 7 ta' Marzu1907. Il-Post kien għeri minn kollox, iż-żgħażagħ u n-nies kienu joqogħdu fl-art fuq xi biċċa ħasira, u Dun Ġorġ kien ipoġġi bilqeda fuq xi kaxxa. Id-demonju ma ħamilx lil dan il-ġid ikompli jsir, u lil Dun Ġorġ waħħallu f'rasu li jsir Ġiżwita, għalkhemm din ma kinitx il-vera sejħa ta' Dun Ġorġ, għax il-vera missjoni ta' Dun Ġorġ kienet li jgħallem u jifforma lil min jgħallem. Anke xi żgħażagħ wkoll bdew jitħajru biex imorru, min għall-missjoni, u min f'xi kunvent. Iżda Dun Ġorġ induna bil-qerq tax-xitan, u kien jiddiriġihom b'deċiżjoni ċara, li ftit kienu jissograw imorru kontra tiegħu. L-ewwel wieħed li kien ġabar kien Ewġenju Borġ fejn aktar tard dan sar l-ewwel superjur ġenerali. Dun Ġorġ spiss kien jieħdu waħdu taħt ħarruba f'Santa Venera qabel sar qassis, u kien joqgħod jgħallmu hemm. Ewġenju tħajjar li jsir patri, u Dun Ġorġ bla tlaqliq qallu, "Jekk trid tmur patri l-infern tmur". Ftit taż-żmien wara bidlu d-dar u marru f'dar oħra Nru. 3, Sqaq San Tumas fil-Ħamrun. Darba Dun Ġorġ qalilhom "Ma rridx aktar miżżewġin jew romol, irrid biss ġuvintur". Kien hemm ħa għalih għax ma xtaqx li jitlaq wara li kien daq it-tagħlim ta' dik ix-xirka. Imma Dun Ġorġ kien deċiż għaliex ma kien ikollu ebda dubju li l-idea tiegħu ma kinitx ġejja minn Alla, wara tant talb u tgħakkis li kien jagħmel. Fil-bidu kellu lil Ewġenju Borġ u Salvu Muscat, u Dun Ġorġ urihom mall-ewwel x'ried minnhom. Hu ried ħajja ta' sagrifiċċju, u dawn obdewh mall-ewwel. Dun Ġorġ fuq dawn it-tnejn bena s-soċjetà tiegħu. Huwa ried jagħti isem lil din is-soċjetà u Salvu Muscat qallu "Sinjur semmiha mużew", l-idea għoġbot lil kulħadd u dan Salvu qabad biċċa qoxra tar-rummien u mal-ħajt kiteb il-kelma "MUSEUM".

Ħbieb tagħna dwar Dun Ġorġ hemm wisq iżjed minn hekk x'wieħed jista' jgħid imma l-ispazju ma tantx jippermetti u ser ikolli nieqaf hawn kontra qalbi.

Mill-ktieb "*Dun Ġorġ 1880-1962*"
tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija M.U.S.E.U.M

EST 1874
ST. JOSEPH BAND CLUB GHAXAQ

***Il-Kumitat***
***ta' l-Għaqda Mużikali San Ġużepp***
***jixtieq jirringrazzja lis-Surmast tal-Banda,***
***lill-Assistent Surmast ta' l-Allievi***
***u lid-Delegati tal-Banda.***
***Ringrazzjament speċjali jmur għall-bandisti***
***kollha tal-post għas-servizzi li jagħtu lill-***
***Banda San Ġużepp biex tkompli miexja 'l quddiem.***